Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk

ID-DISA` LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 48 **06 ta' Ottubru, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 06 ta' Ottubru 2026 fl-16:30pm ta' wara nofsinhar.

Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming' kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-'Video On Demand' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

PREŻENTI:

Steven Grech	-	Sindku
Miriam Camilleri	-	Viċi Sindku
Reno Buġeja	-	Kunsillier
Matthew Buġeja	-	Kunsillier
Daniel Zerafa	-	Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA:
Ħadd

ASSENTI:
Ħadd

MEMBRI TAL-PUBBLIKU
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Vanessa Galea - Segretarju Eżekuttiv

48.1	**Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**
48.1.1	F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.
48.2	**Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**
48.2.1	Ġew approvati l-minuti Nru 46 u 47.
48.3	**Komunikazzjoni mis-Sindku**
48.3.1	Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġew imfriskati l-linji tal-kaxxi tal-monti. Spjega li, wara dan ix-xogħol, kien hemm xi tgergir minn uħud mill-bejjiegħa minħabba t-tibdil fl-ispazju allokat għall-kaxxi. Is-Sindku spjega li l-kaxxi ġew organizzati fi gruppi ta' tnejn, b'żewġ kaxxi flimkien u spazju bejn il-kolonni. Fejn kien hemm gruppi ta' bejjiegħa, pereżempju ta' tlieta, dawn ġew organizzati flimkien, filwaqt li nżamm spazju f'kull tarf. B'hekk, l-ispazju bejn il-kolonni żdied minn żewġ piedi għal erba' piedi. Wara li saru dawn l-arranġamenti, kien hemm bżonn li jiġu rranġati wkoll xi kaxxi oħra. Is-Sindku ċċara li l-ispazju totali ta' 15-il pied baqa' l-istess. Madankollu, xi bejjiegħa għadhom jesprimu n-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħhom minħabba t-tnaqqis fl-ispazju tan-nofs. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill applika sabiex ikun jista' joffri l-injezzjonijiet kontra l-influwenza. Żied jgħid li, hekk kif tasal l-informazzjoni neċessarja, jinħareġ avviż sabiex il-pubbliku jkun jista' japplika. Is-Sindku informa lill-Kunsill li waslet korrispondenza dwar il-ħamiem, fejn il-Kunsill intalab jidentifika l-postijiet fejn hemm l-akbar konċentrazzjoni ta' ħamiem sabiex tkun tista' tittieħed l-azzjoni meħtieġa. F'dan ir-rigward, il-Kunsill issuġġerixxa ż-żona ta' fuq il-Knisja. Is-Sindku fetaħ diskussjoni dwar il-ħtieġa ta' aktar dixxiplina fir-rigward tal-imwejjed u s-siġġijiet tar-ristoranti, il-ħinijiet li fihom dawn għandhom jinġabru, it-tabelli tar-reklamar, is-sinjali mwaħħla mal-art, l-armar tal-imwejjed u s-siġġijiet fiż-żoni rispettivi, kif ukoll il-linji relatati mal-boat trips. Is-Sindku żied jgħid li fiż-żona ta' quddiem l-HSBC huwa maħsub li jitħawlu xi pjanti sabiex jiġi evitat li f'dik iż-żona jitqiegħdu mwejjed u siġġijiet. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li tinħareġ ittra lis-sidien u lill-operaturi tar-ristoranti f'Marsaxlokk, b'effett immedjat, sabiex jiġu osservati d-direttivi li ġejjin: 1. Ħażna u armar tal-imwejjed u s-siġġijiet: L-imwejjed u s-siġġijiet fuq in-naħa tal-baħar għandhom jinġabru u jinħażnu bejn is-siġar tal-palm, f'munzelli puliti u organizzati. Dawk fuq in-naħa tad-djar għandhom jinġabru f'munzelli puliti u,

	meta jkunu armati għall-użu, jitqiegħdu wara l-istuds imwaħħla mal-art u bejn il-partiċjonijiet tal-injam. Kull estensjoni lil hinn miż-żona allokata għandha tkun soġġetta għall-kunsens tas-sid tal-proprjetà u għall-approvazzjoni tal-Kunsill. 2. Ħinijiet tal-ġbir: Bejn Ottubru u Mejju, l-imwejjed u s-siġġijiet għandhom jinġabru u jinħażnu mit-Tnejn sas-Sibt bejn nofsillejl u d-09:00, u l-Ħadd bejn nofsillejl u l-16:00. Fix-xhur ta' bejn Ġunju u Settembru, l- imwejjed u s-siġġijiet għandhom jinġabru u jinħażnu mit-Tnejn sas-Sibt bejn 01:00am u d-09:00, u l-Ħadd bejn 01:00am u l-16:00. 3. Linja safra: Waqt l-użu, l-imwejjed u s-siġġijiet għandhom jinżammu kompletament wara l-linja safra mmarkata fuq il-bankina. 4. Kontenituri tal-iskart (skips): Kull stabbiliment jista' jkollu kontenitur wieħed biss tal-iskart bir-roti, b'daqs massimu ta' 60 ċm x 60 ċm. 5. Tabelli tar-reklamar: Kull stabbiliment jista' jkollu tabella waħda fuq in-naħa tal-baħar u tabella waħda fuq in-naħa tad-djar, b'għoli massimu ta' 1.5 metri u wisa' massima ta' metru. 6. Ħażna ta' oġġetti oħra: Ma jista' jitħalla ebda tagħmir jew oġġett ieħor ħdejn is-siġar tal-palm, apparti l-imwejjed u s-siġġijiet maħżuna skont id-direttivi. Is-Sindku ressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill il-ħinijiet tal-armar u ż-żarmar tal-monti ta' matul il-ġimgħa u nhar ta' Ħadd, bil-għan li ssir talba sabiex tiġi emendata l-leġiżlazzjoni rilevanti. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-Monti ta' matul il-ġimgħa jibda jiġi armat mis-06:00 u jkun żarmat sas-16:30, filwaqt li l-monti tal-Ħadd jibda jiġi armat mill-05:00 u jkun żarmat sat-15:00. Ġie deċiż li dawn il-ħinijiet japplikaw kemm matul il-perjodu tas-sajf kif ukoll matul il-perjodu tax-xitwa. Il-Kunsillier Matthew Bugeja żied jgħid li t-tabelli eżistenti li jirriżervaw spazji għall-parkeġġ għall-monti ta' matul il-ġimgħa għandhom jindikaw li l-parkeġġ ikun riservat bejn is-06:00 u l-10:00, u li wara dan il-ħin l-ispazji jkunu jistgħu jintużaw mill-pubbliku. Is-Sindku żied jgħid li Transport Malta għandha tiġi nnotifikata dwar dawn il-bidliet. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku staqsa jekk għandhomx jibqgħu jintużaw l-istess permessi għad-dgħajjes li ntużaw matul l-aħħar sentejn, bl-istess ammonti u depożitu. Il-Kunsillier Matthew Bugeja spjega li l-permessi għandhom jingħataw lil dgħajjes tal-kategoriji MFA, MFB u MFC li huma rreġistrati fil-port ta' Marsaxlokk bejn ix-xhur ta' Ottubru u April. Żied jgħid li se jikkuntattja lid-DFA sabiex tintalab lista aġġornata għas-sena kurrenti. Għaldaqstant, kull min japplika għal permess għandu jkun inkluż f'din il-lista, sakemm ma jkunx hemm każ ta' emerġenza. Il-Kunsillier Matthew Bugeja ssuġġerixxa wkoll li, sadanittant, il-Kunsill jibda jaħdem sabiex tinħareġ bye-law li tirregola l-ħruġ tal-permessi. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku informa lill-Kunsill li sid il-kera tal-binja tal-Kunsill qed titlob żieda ta' €100 fix-xahar fil-kera, li twassal għal total ta' €2,400 kull tliet xhur. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta' terminazzjoni b'avviż ta' erba' xhur. Ġie deċiż ukoll li l-kuntratt ikun għal perjodu ta' tliet snin, bil-kundizzjoni li jkun hemm qbil minn sid il-kera.

	Is-Sindku spjega li nħareġ tender dwar il-faċilità tal-hardstanding, li permezz tiegħu din tkun tista' tiġi operata mis-settur privat. Is-Sindku esprima t-tħassib li din il-miżura tista' taffettwa lis-sajjieda finanzjarjament. Il-Kunsillier Reno Bugeja semma l-ħtieġa li, hekk kif tinħareġ stqarrija uffiċjali mill-Kunsill fejn jesprimi l-oġġezzjoni tiegħu għal dan it-tender, din tintbagħat lis-Sindki ta' San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa u Wied il-Għajn sabiex ikunu jistgħu jikkummentaw dwarha u jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li joħroġ stqarrija li tesprimi l-oġġezzjoni tiegħu għat-tender, peress li jqis li din il-miżura tmur kontra l-interessi tas-sajjieda. Is-Sindku wera x-xewqa li l-Kunsill jitlob lill-Gvern sabiex jinforma lill-Kunsill dwar id-deċiżjoni li ttieħdet fir-rigward taż-żona tal-Port Ruman, fid-dawl tal-pjanijiet tal-Kunsill sabiex f'din iż-żona tiġi żviluppata jogging track. Is-Sindku wera lill-Kunsill fuljett li ngħata lilu minn Marine Aquatic Ltd, li fih kienu inklużi diversi proposti ta' reklamar għall-Aquarium Centre fuq bins, totems, panels u strutturi oħra. Is-Sindku wera r-ritratti relatati mal-proposti lill-Kunsilliera u staqsa jekk ikunux interessati li jiġu introdotti arranġamenti simili ta' reklamar f'Marsaxlokk. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-manutenzjoni ta' dawn l-istrutturi għandha tkun ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun qed tagħmel ir-reklamar, u li l-permess jinħareġ għal perjodu ta' sena kontra ħlas. Il-Kunsill qabel li l-persuna kkonċernata tiġi kkuntattjata sabiex tippreżenta l-proposti tagħha, liema proposti jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.
48.4	**Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**
48.4.1	Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tas-seduta l-Iskeda tal-Pagamenti Nru.10/2026, kif ukoll l-Iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Settembru. Il-Vici Sindku pproponiet l-approvazzjoni, filwaqt li l-Kunsillier Reno Bugeja sekonda l-proposta.
48.5	**Korrespondenza**
48.5.1	Is-Segretarju Eżekuttiv, bil-permess tas-Sindku, informat lill-Kunsill li kien irċieva email dwar proposta ta' Twinning mal-lokalità ta' Sant'Agata di Militello, fi Sqallija. Il-Kunsill iddeċieda li, għalissa, jiffoka fuq il-proċess ta' Twinning mal-belt ta' Zhoushan.
48.6	**Slipways u Żoni għall-Manutenzjoni tad-Dgħajjes**

	Din il-kwistjoni ġiet diskussa bħala parti mill-komunikazzjoni tas-Sindku.
48.7	**Liġi tal-Żgombru**
48.7.1	Din il-kwistjoni ġiet diskussa bħala parti mill-komunikazzjoni tas-Sindku li ser jinħarġu permessi bħas-snin preċedenti.
48.8	**Permessi tal-Bejjiegħa tal-Ħaxix**
48.8.1	Is-Sindku spjega li, fir-rigward tat-talba diskussa fil-laqgħa preċedenti dwar il-ħruġ ta' permess għall-bejgħ tal-ħaxix, l-applikant kien ressaq talba sabiex ikun jista' jarma faċċata tas-Sorijiet. Għaldaqstant, talab li l-kwistjoni terġa' titressaq għall-vot. Il-Kunsillier kollha vvutaw favur, bl-istess ġranet, ħinijiet u spazju għall-parkeġġ kif diskussi fil-laqgħa preċedenti, kif imniżżel fil-Minuti Nru 47. Ġie deċiż ukoll li jinħareġ permess lill-bejjiegħ tal-ħaxix fi Triq l-Arznell.
48.9	**Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
48.9.1	Il-Viċi Sindku informat lill-Kunsill li ser tiżdied ġurnata oħra għall-użu tal-pixxina, minbarra dik tal-Ħamis, u li din ser tkun il-Ġimgħa bejn l-10:30am u l-11:30am. Staqsiet jekk il-Kunsill jistax jippubblika avviż fuq Facebook sabiex ir-residenti jkunu infurmati b'din l-opportunità, u sabiex jiġi offrut ukoll it-trasport nhar ta' Ġimgħa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa jekk it-talba dwar Triq il-Kajjik u Triq Abdosir kinitx intbagħtet. Is-Sindku wieġeb li t-talba kienet għadha ma ntbagħtitx u talab li titniżżel nota dwar dan.
48.10	**Planning Authority**
48.10.1	Il-Kunsillier Daniel Zerafa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-każ fi Triq San Franġisk kantuniera max-Xatt is-Sajjieda, fejn kien hemm applikazzjoni għall-bini ta' sular addizzjonali. Huwa spjega li l-Kunsill, fi żmien preċedenti, kien oġġezzjona għal din l-applikazzjoni u li l-permess ma kienx inħareġ. Madankollu, l-iżviluppatur bena s-sular xorta waħda. Il-każ jirrigwarda l-applikazzjoni PA 8859/20, li tinkludi bini ta' tliet sulari. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex iżżomm l-Avviż ta' Infurzar (Enforcement Notice) marbut ma' din l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa lill-Kunsillier Daniel Zerafa jekk kinux ġew sottomessi l-emendi mitluba fir-rigward tal-applikazzjoni għall-lukanda, PA

	2674/23, magħrufa bħala Hunters Tower. Il-Kunsillier Daniel Zerafa kkonferma li dawn kienu għadhom ma ġewx sottomessi. Il-Kunsill iddeċieda li jikkuntattja lis-sid sabiex jiddiskuti l-kwistjoni.
48.11	**Tmiem tal-Laqgħa**
48.11.1	Il-laqgħa li jmiss ġiet deċiża li ssir fl-04 ta' Novembru fil-16.30pm. Il-laqgħa ntemmet, wara li ġiet eżawrita l-aġenda.

Konfermati, illum 04 ta' Novembru, 2026.

IFFIRMATA

_____

Steven Grech
Sindku

IFFIRMATA

_____

Vanessa Galea
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA

_____

Proponent

IFFIRMATA

_____

Sekondant